**15 ta' Diċembru, 1961**

***Imħallef:—***

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Sekwestru — Ħalib — Provvisti — "Milk Marketing Undertaking" — Art. 852 u 382(1) (g) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

Antonio sive Toni Seychell

*versus*

Stanislao Azzopardi.

*Flus li huma dovuti minn Dipartiment tas-Servizz Publiku Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forżi tal-Ajru, bħala prezz ta' provvisti jew xogħolijiet, mhumiex sekwestrabbli.*

*Flus dovuti mill-"Milk Marketing Undertaking" bħala prezz ta' ħalib fornit lil dak id-Dipartiment jidħlu f'din il-kategorija ta' flus; u kwindi mhumiex suġġetti għal sekwestru.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, fl-14 ta' Novembru 1961, ottjena minn din il-Qorti kontra l-attur l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju f'idejn Eric Firman, O.B.E., bħala Manager tal-Milk Marketing Undertaking (dok. A); u illi fl-ordni maħruġ fuq dak il-mandat ma ġiex ottemperat għad-dispost tal-art. 852 kombinat mal-art. 377(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi fil-formola relattiva ma ġiex indikat l-ammont pretiż dovut; u illi f'idejn il-fuq imsemmi sekwestratarju ġew miżmumin flus dovuti lill-attur għall-fornitura ta' ħalib lill-Milk Marketing Undertaking, u dan kontra kemm tiddisponi l-liġi bl-art. 852 kombinat mal-art. 382(1) (g) Kod. Proċ. Ċiv.; talab li tiġi revokata, kwantu għall-flus fuq imsemmija l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru, ad istanza tal-konvenut spedit minn din il-Qorti kontra l-attur fl-14 ta' Novembru 1961 f'idejn Eric Firman, O.B.E., bħala Manager tal-Milk Marketing Undertaking; salva l-azzjoni għad-danni u nteressi. Bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi hu veru li fil-mandat ta' sekwestru fil-kwistjoni ma ġietx imniżżla s-somma dovuta, fil-waqt li skond il-liġi s-somma, jew il-ħaġa dovuta, għandha titniżżel fil-mandat ta' sekwestru, eżekuttiv jew kawtelatorju x'ikun; iżda jirriżulta illi, meta s-sekwestrant induna bl-iżball, hu malajr irrimedja għalieh, billi pprokura l-korrezzjoni opportuna bl-indikazzjoni tas-somma dovuta u n-notifikazzjoni; u għalhekk il-vot tal-liġi ġie eżawdit, u ma għandux aktar jingħad li l-mandat hu null;

Riferibbilment għar-raġuni l-oħra li minħabba fiha l-attur sekwestrat jirritjeni illi l-eżekuzzjoni ta' dak l-istess mandat għandha tiġi revokata, jiġifieri għaliex ma setgħax jiġi maħruġ billi jolqot flus li għandhom jingħataw lilu minn Dipartiment tas-Servizz Publiku Ċivili għall-prezz ta' provvisti, hu veru li skond il-liġi ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq flus li għandhom jingħataw minn Dipartiment tas-Servizz Publiku, Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru, għall-prezz ta' xogħolijiet jew provvisti, u f'dan il-każ ma hemmx dubju li l-flus sekwestrati għandhom jingħataw minn Dipartiment tas-Servizz Publiku Ċivili, billi tali hu l-Milk Marketing Undertaking, minn għand min il-flus għandhom jiġu mħallsa bħala prezz ta' ħalib li l-attur qiegħed jipprovdi lil dak id-Dipartiment; iżda l-konvenut sekwestrat jippretendi illi dawk il-flus mhumiex il-prezz ta' provvisti, billi, kif ingħad, huma l-prezz ta' ħalib, u l-ħalib mhux provvista, mhux kompriż fil-kelma "provvista";

Ikkunsidrat;

Illi l-kelma użata fit-test malti hi "provvisti", bħal dik ġa użata fit-test oriġinali taljan, u l-kelma użata fit-test ingliż hi "supplies", bħal dik ġa użata fit-traduzzjoni ngliża tat-test oriġinali taljan; u dik it-traduzzjoni kienet korretta, għaliex skond l-aħjar dizzjunarji l-kelma taljana "provvista" tikkorrispondi għall-kelma ngliża "supply, provision"; liema kelma "provision" tikkorrispondi għall-kelma taljana "provisione" li, bħal kelma taljana "provvista" u bħal kelma "approvigionamento", tfisser mhux biss

dak kollu li hu neċessarju għall-manteniment, jiġifieri "viveri" — il-"commeatus" tar-Rumani — kif il-kelma "supplies" (pl.) fil-lingwa ngliża tfisser ukoll, imma speċifikatament, "the whole of the necessities of life supplied to a large body of men, esp. an army, the inhabitants of a country", imma tfisser ukoll il-merċi, dawk il-ħwejjeġ kollha, li jiġu provvduti jew akkwistati; u kwindi l-kwantitajiet ta' ħalib forniti lill-Milk Marketing Undertaking" huma provvisti li jiġu akkwistati minn dak id-Dipartment, u l-prezz għal dak l-ħalib, dovut minn dak id-Dipartiment, mhux, kwindi, sekwestrabbli. U difatti anki hawn jirrikorri l-motiv ta' dik l-insekwestrabbilità, li jirpoża fuq l-espedjenza li l-provveditur ma jiġix privat mill-mezzi neċessarji biex ikompli jipprovdi l-oġġett, ħalli ma jiġux preġudikati l-andament u l-opera tad-Dipartiment bi preġudizzju tas-Servizz Publiku;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.

---

**Tmien tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XLV**

---